**Tribunal ta' Revizjoni tal-Appell u l-Ippjanar**

**Appell minn Hrug ta' Penali Amministrattiva bin-Numru IF 0841 / 19 F ai termini tal-artikolu 81 tal-Kap 549 u l-Kap 551 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Fish and Fish Limited** (C14268)

**Vs**

**Awtorita' ghall-ambjent u r-Rizorsi**

ENVIRONMENT AND PLANNING REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
- 8 JUN 2020
ST FRANCIS DITCH FLORIANA

Appell ta' Fish and Fish Limited (C14268)

Tesponi bir-rispett

Illi fis-sitta (6) ta' Settembru tas-sena 2019 inhareg avviz bl-intenzjoni li tigi imposta multa amministrattiva li saret effettiva f'termini tal-ligi permezz tal-Avviz dwar il-Hrug ta' Penali Amministrattiva (IF 0841/19 F *Nru. ta' Riferenza tal-Multa*: SO0409) hawn annessa bhala *Dokument A*;

Illi l-esponenti appellanti gew notifikati b'dan l-avviz permezz ta' ittra datata tnejn u ghoxrin (22) ta' Mejju tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) li huwa rcieva xi jiem wara;

Illi l-appellanti hass ruhu aggravat b'dan l-Avviz liema penali amministrattiva ta' €1,000 giet imposta fuqha mill-istess Awtorita appellata minhabba is-segwenti ragunijiet u ai termini **tas-sub artikolu 81 (5) tal-Kap 549 u l-Kap 551 tal- Ligijiet ta' Malta** qieghed ghaldastant tuzgha dawn il-proceduri biex tipprezenta dan l-appell minnha:

*"On 8th August 2019, during an inspection carried out between approximately 07:20hrs - 07:45hrs at Fish & Fish Ltd's offshore tuna fish farm, ERA officers observed the washing of jumbo bags taking place in the ses by the 'Rosario Tuna' vessel in breach of condition 2.2.5 of EP 0032/19."*

Flimkien ma' dawn is-sottomissjonijiet qed jigu ukoll annessi l-ircevuta tal-hlas tad-dritt tal-appell (*Dokument B*);

Is-Socjeta' appellanti tissotometti ghal konsiderazzjoni ta' dan it-Tribunal dan li gej:

*1.* Illi l-procedura specjali ai termini tal-Artikolu 80 tal-Kap 549 tal-Ligijiet ta' Malta u l-multa amministrattiva ai termini tal-Artikolu 81 tal-istess Kap jitolbu li jrid ikun hemm

il-ksur ta' xi dispozizzjoni, direttiva, decizjoni, ordni jew kundizzjoni da parti tal-appellanti, liema ksur ghandu jirrizulta li ma kienx il-kaz;

2. Illi f'kull kaz l-impozizzjoni ta' multa tista' ssir jekk u meta id-dispozizzjoni, direttiva, decizjoni, ordni jew kundizzjoni tinkiser u f'dan il-kaz l-Awtorita' jehtieg li tressaq il-provi dwar dan;

3. Illi ghall-kuntrarju ghandu fil-fatt jirrizulta li l-esponenti hadet il-mizuri kollha preventivi u ragjonevolment mehtiega fic-cirkostanzi u qieghda twettaq xogholijiet kostanti biex tassigura ruhha li tkun kompletament konformi mal-ligi u l-permessi ambjentali. F'dan ir-rigward ghandu jinghad li dak in-nhar li saret l-ispezzjoni mill-ufficjali tal-awtorita' appellata thejja rapport li qed jigi anness bhala *Dokument C* fejn gie nnuttat dan li:

*Sea was observed to be clean and no distinct odour were perceived.*

4. Illi li kieku s-Socjeta' appellanti kienet verament qed tahsel il-*jumbo bags* kif bhal donnu qed timplika l-Awtorita appellata, l-istess awtorita ma kienetx tikkonstata din l-osservazzjoni. F'kull kaz huwa sta hall-Awtorita li tipprova l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal. Certament ir-ritratt anness mal-istess *Site Inspection Report* ma jistax jikkonsistiwixxi evidenza / prova li abazi taghha ghandha tinstab xi forma ta' htija kontra l-appellanti;

5. Illi jekk xejn minn dak li jidher minn ir-ritratt wiehed ghandu jista' jikkonstata li l-post minn fejn qed jigi mmanuvrat il-crane jinsab vojt, turija ta' kemm mhux il-kaz li kienu qed jinhaslu l-*jumbo bags* fil-bahar kif bhal donnu qed timplika l-Awtorita appellata. Dan jikkorabora mal-verzjoni tal-appellanti li hejjiet bhala risposta ghall-*verification report*, liema korrispondenza qed tigi mmarkata bhala *Dokument D.*

*We have asked the Rosaria Tuna crews about this photo and they have informed us that the bags were placed there because there required deck space for works on moorings. This is difficult to explain in an email but note that the vessel is moored to the yellow farm grid mooring buoy in preparation for securing the underwater grid system. This operation requires free deck space and therefore the bags were left hanging on the side of the vessel and* ***there was no washing of jumbo bags in the water***

Ghaldaqstant is-socjeta' appellanti qed jitolbu li l-*files* li ssir referenza ghalihom jigu vverifikati mit-Tribunal u dan billi l-Awtorita' ghandha tigi mitluba sabiex tipprezenta l-files imsemmija minnha lit-Tribunal, u in segwitu ta' dan l-istess it-Tribunal ghandu filwaqt li jilqa l-appell intavolat jordna li l-Avviz fuq imsemmi jigi revokat fil-konfront tal-appellanti u dana taht, u minghajr pregudizzju ghal kull decizjoni jew provediment iehor li joghgbu jiehu dan it-Tribunal.

Ai termini tas-**sub artikolu 81 (5) tal-Kap 549 l-istess appellant qed jitolbu** s-sospensjoni ta' kull provedimenti ohra li l-istess appellati jisghu jiehdu ai termini tal-istess sub artiklu sa mal-kaz jigi deciz.

Salv kull provediment li dan it-Tribunal jidirlu xieraq li ghandu jiehu.

Avv. John Refalo
61, St. Paul Street,
Valletta VLT1212
john@refalo.legal

Avv. Charlon Gouder
89, St John Street
Valletta
cg@aquacultureresources.com

Illi waqt is-smigh l-esponenti ser tressaq is-segwenti xhiedha:

(i) Konsulenti tal-Awtorita' kif ukoll ufficjali tal-istess sabiex jixhdu fuq il-fatti tal-kaz;
(ii) Is-Sur Massimo Fannara, sabiex jixhed dwar il-fatti tal-kaz;
(iii) Stefania Curmi ghall-Awtorita appellata
(iv) MS. Ruth Ciarlo sabiex tidher dwar il-fatti tal-kaz u l-korrispondenza li ghaddiet bejnha u s-socjeta' appellanti;
(v) Haddiema tas-Socjeta' appellanti sabiex jixhdu dwar il-fatti tal-kaz;
(vi) Dr Saviour Caruana sabiex jixhdu dwar il-fatti tal-kaz;
(vii) Il-Kaptan tad-dghajsa Rosaria Tuna is-Sur Frank Cutajar biex jixhed dwar il-fatti tal-kaz;
(viii) Rapprezentanti Kunsilli Lokali M'Scala, B'Bugia, M'Xlokk.

Avv. John Refalo
61, St. Paul Street,
Valletta VLT1212
john@refalo.legal

Avv. Charlon Gouder
89, St John Street
Valletta
cg@aquacultureresources.com